31981D0437

24.6.1981 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 167/31

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Mejju 1981

li tistabbilixxi l-kriterji li skond dawn l-informazzjoni dwar l-inventarju ta' sustanzi kimiċi tingħata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni

(81/437/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill Nru 67/548KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 79/831/KEE [2] u, partikolarment l-Artikolu 13 (3) tagħha,

Billi l-Artikolu 13 (1) tad-Direttiva 67/548/KEE jipprovdi għat-tħejjija ta' inventarju ta' sustanzi li jeżistu fis-suq tal-Komunità sat-18 ta' Settembru 1981; billi l-Kummissjoni, fit-tħejjija ta' dan l-inventarju, għandha tqis l-Artikoli 1 (4) u 8 tad-Direttiva msemmija;

Billi, għal raġunijiet ta' ħin u spejjeż jeħtieġ, biex jitħejja l-inventarju, li tintuża teknika komposta ibbażata fuq inventarju bażiku supplimentat b'dikjarazzjonijiet mill-fabbrikanti jew importaturi li juri l-eżistenza fis-suq tal-Komunità ta' sustanzi mhux inklużi fl-inventarju bażiku;

Billi l-inventarju bażiku mħejji mill-Kummissjoni li jqis l-opinjoni tal-Kumitat fuq l-Adattament għall-Progress Tekniku għandu jitħejja skond id-*data* li minnha wieħed jista' jassumi raġonevolment u oġġettivament li s-sustanzi murija fih jeżistu fis-suq tal-Komunità;

Billi huwa meħtieġ li jsiru disposizzjonijiet li jippermettu l-introduzzjoni tal-proċedura għad-dikjarazzjoni ta' sustanzi għall-inklużjoni fl-inventarju lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, b'din id-dikjarazzjoni tkun valida għas-suq tal-Komunità;

Billi huwa kunsiljabbli wkoll li jkun stipulat li d-disposizzjonijiet dwar il-proċedura tad-dikjarazzjoni u l-iskeda taż-żmien li għandha tkun rispettata tkun adottata fuq livell tal-Komunità;

Billi l-miżuri provduti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-Adattament mal-Progress Tekniku tad-Direttivi dwar it-Tneħħija ta' Ostakoli Tekniċi Għall-Kummerċ f'Sustanzi u Preparazzjonijiet Perikolużi,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Biex jippermettu lill-Kummissjoni li tħejji inventarju provdut fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 67/548/KEE, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha biex jiżguraw li l-fażijiet u l-proċeduri msemmija fl-Artikoli 2 u 3 u fl-Anness huma osservati b'mod korrett.

Artikolu 2

1. L-inventarju ta' sustanzi kimiċi li jeżistu fis-suq tal-Komunità sat-18 ta' Settembru 1981, minn hawn 'il quddiem msemmija bħala 'Einecs' (Inventarju Ewropew ta' Sustanzi Kimiċi Kummerċjali Eżistenti), għandu jitħejja skond id-disposizzjonijiet provduti fit-Taqsima I ta' l-Anness.

2. L-inventarju Einecs għandu jkun kompost minn inventarju bażiku, minn hawn 'il quddiem msejjaħ bħala 'Ecoin' (Inventarju Bażiku Ewropew), iħejji mill-Kummissjoni mid-*data* għad-disposizzjoni tagħha, u ta' lista ta' sustanzi li huma s-soġġett ta' dikjarazzjonijiet sussegwenti komunikati lill-Kummissjoni mill-Istati Membri skond id-disposizzjonijiet provduti fit-Taqsima II ta' l-Anness.

Artikolu 3

Stati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jimplimentaw u jikkoordinaw ix-xogħol assoċjat mat-tħejjija ta' l-inventarju Einecs. Għal dan l-iskop il-Kummissjoni għandha tinnomina punt ta' kuntatt.

[1] ĠU L 196, tas-16.8.1967, p. 1.
[2] ĠU L 259, tal-15.9.1979, p. 10.

Għall-istess għan l-Istati Membri jistgħu jindikaw punti ta' kuntatt nazzjonali. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni qabel it-30 ta' Ġunju 1981 l-indirizzi ta' fejn għandhom jintbagħtu il-formoli tad-dikjarazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-indirizzi fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 4

Għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni, id-definizzjonijiet ta' 'sustanzi', 'preparazzjoni', 'tpoġġija fis-suq', għandhom ikunu kif msemmi fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 67/548/KEE.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula f'Brussel, fil-11 ta' Mejju 1981.

Għall-Kummissjoni

Karl-Heinz NARJES

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

I. **PROĊEDURA GĦALL-PREPARAZZJONI TA' L-INVENTARJU EINECS**

Il-proċedura għandha tikkomprendi l-fażijiet li ġejjin:

L-ewwel fażi

— L-inventarju Ecoin għandu jkun preparat mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' listi eżistenti ta' sustanzi kimiċi.

— Biex tkun faċilitata l-komprensjoni ta' l-inventarju bażiku Ecoin, il-Kummissjoni għandha tipprepara dokument spjegattiv li jikkomprendi:

  — indiċi li jkollu n-nomenklatura tas-sustanzi identifikati min-numri tar-reġistru SAK,

  — indiċi alfabetiku tan-nomenklatura tas-sustanzi identifikati min-numri tar-reġistru SAK,

  — indiċi tal-formuli molekolari tas-sustanzi kontenuti fl-inventarju bażiku Ecoin.

— Biex jassisti l-persuni li jagħmlu dikjarazzjonijiet matul it-tieni fażi, il-Kummissjoni għandha tipprepara dokument ta' ħidma msemmi 'Kompendju ta' sustanzi magħrufa'.

  Biex jiffaċilita l-użu tiegħu, għandu jkollu tliet indiċijiet:

  — indiċi li jkollu n-nomenklatura tas-sustanzi identifikati min-numri tar-reġistru SAK- kodiċi Einecs,

  — indiċi alfabetiku tan-nomenklatura tas-sustanzi identifikati min-numri tar-reġistru SAK- kodiċi Einecs,

  — indiċi tal-formuli molekolari tas-sustanzi elenkati fid-dokument ta' ħidma. Sustanzi msemmija fid-dokument ta' ħidma imma mhux elenkati fl-inventarju bażiku Ecoin m'għandhomx ikunu inklużi fl-inventarju Einecs ħlief jekk huma dikjarati.

— Il-Kummissjoni għandha tipprepara wkoll b'kollaborazzjoni ma' l-Istati Membri kollha u fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Komunità dokument spjegattiv msemmi 'Rappurtaġġ għall-inventarju Einecs'.

— Wara li jintbagħtu id-dokumenti kollha msemmija hawn qabel lill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-Ecoin fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* fil-forma ta' numru Ecoin/elenku tan-numru tar-reġistru SAK.

It-tieni fażi

— Dikjarazzjoni ta' sustanzi li jeżistu bħala tali jew bħala ingredjenti f'preparazzjoni fis-suq tal-Komunità sat-18 ta' Settembru 1981 imma li mhumiex elenkati fl-inventarju bażiku Ecoin jistgħu jsiru mill-fabbrikant jew minn kull persuna oħra residenti fil-Komunità li jkun qiegħed din/dawn is-sustanza(sustanzi) fis-suq u li minn hawn 'il-quddiem hija msemmija bħala 'il-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni'.

— Dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom jintbagħtu lill-indirizz(i) nazzjonali rispettiv(i) msemmi(ja) fl-Artikolu 3.

— Dikjarazzjonijiet ta' sustanzi jistgħu jsiru biss permezz ta' forom approprjati disponibbli mill-istess indirizz(i).

Dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom jintbagħtu mill-persuni li jagħmluhom lill-istess indirizzi sa mhux aktar tard minn disa' xhur wara l-pubblikazzjoni ta' l-inventarju bażiku Ecoin fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

— Ir-regoli li għandhom ikunu segwiti fil-preparazzjoni ta' dikjarazzjonijiet u l-*facsimiles* tal-formuli huma preżentati fit-Taqsima II ta' dan l-Anness.

— L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-punt ta' kuntatt tal-Kummissjoni l-parti approprja tal-formuli tad-dikjarazzjoni kompletati mill-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn 30 jum wara li tirċevihom.

— Il-punt ta' kuntatt tal-Kummissjoni ma jistax jaċċetta xi formula ta' dikjarazzjoni wara data 12-il xahar mill-pubblikazzjoni ta' l-inventarju bażiku Ecoin fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

It-tielet fażi

— Il-Kummissjoni għandha tħejji inventarju Einecs mill-inventarju bażiku Ecoin, u żżid miegħu s-sustanzi dikjarati lill-Istati Membri li jkunu żguraw it-trasmissjoni tal-parti approprja tad-dikjarazzjonijiet korrispondenti.

— Matul l-eżaminazzjoni u l-ipproċessar tad-diversi formuli tad-dikjarazzjoni tas-sustanza mill-Kummissjoni, kjarifika ta' ċerti punti (eż. żball fl-ennumerazzjoni SAK, żball fin-nomenklatura, eċċ) jistgħu jkunu meħtieġa. F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tibgħat talba bil-miktub għall-informazzjoni lill-Istat Membru li għandu jgħaddiha lill-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni f'perjodu ta' 15-il ġurnata.

— Il-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni għandha twieġeb bil-miktub f'perjodu ta' 45 ġurnata għat-talba mibgħuta mill-Istat Membru. Din ir-risposta għandha tintbagħat lill-kuntatt tal-Kummissjoni fi żmien 15-il ġurnata.

— Jekk l-ebda risposta ma ssir f'perjodu ta' 90 ġurnata mid-data tat-talba għall-informazzjoni, il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tieħu deċiżjoni fuq il-bażi ta' l-informazzjoni li jkollha wara li tikkonsulta l-Istat Membru. Jekk wieħed jew aktar punt(i) ta' kuntatt kien(u) indikat(i) għandu/għandhom jesegwixxi/u għall-Istat Membru il-ħidmiet msemmija hawn fuq.

Ir-raba' fażi

L-inventarju Einecs għandu jkun ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

II. **REGOLI GĦALL-PREPARAZZJONI TAD-DIKJARAZZJONIJIET**

1. Kull sustanza kif mfissra fl-Artikolu 4 ta' din id-Deċiżjoni li tilħaq wieħed mill-kriterji elenkati hawn isfel tista' tkun dikjarata:

   (a) is-sustanza kellha tkun impoġġija fis-suq għall-għanijiet kummerċjali ġenwini bejn l-1 ta' Jannar 1971 u t-18 ta' Settembru 1981, inklużivi;

   (b) is-sustanza hija forma monomera li minnha *polymerizates*, *polycondensates* u *polyadducts* li jeżistu fis-suq bejn l-1 ta' Jannar 1971 u t-18 ta' Settembru 1981, inklużivi, kienu manifatturati.

2. Kull sustanza li tilħaq wieħed mill-kriterji elenkati hawn isfel m'għandiex tkun dikjarata:

   (a) kull sustanza mpoġġija fis-suq bejn l-1 ta' Jannar 1971 u t-18 ta' Settembru 1981, inklużivi, esklussivament għall-iskopijiet ta' riċerka, żvilupp u/jew skopijiet analitiċi;

   (b) kull taħlita intenzjonali;

   (c) kull impurità mingħajr valur kummerċjali bħala tali;

   (d) kull polymerizate, polycondensate jew polyadduct.

3. Kif issir dikjarazzjoni:

   (a) Biex tiddikjara sustanza li mhix inkluża fl-inventarju bażiku Ecoin imma li hija elenkata fid-dokument ta' ħidma 'Kompendju ta' sustanzi magħrufa', il-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni għandha tuża l-formula A (li *facsimile* tagħha tinsab preżentata hawn taħt) u tibgħatha lill-indirizz(i) nazzjonali debitament kompletata u iffirmata.

(b) Biex tiddikjara sustanza li la hija inkluża fl-inventarju bażiku Ecoin u lanqas fid-dokument ta' ħidma 'Kompendju ta' sustanzi magħrufa', imma li għaliha huwa magħruf numru tar-reġistru tas-Servizz ta' l-Astratt Kimiku (SAK), il-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni għandha tuża l-formula B (li *facsimile* tagħha tinsab preżentata hawn taħt) u tibgħatha lill-indirizz(i) nazzjonali debitament kompletata u iffirmata.

(c) Biex tiddikjara sustanza li la hija inkluża la fl-inventarju bażiku Ecoin u lanqas fid-dokument ta' ħidma 'Kompendju ta' sustanzi magħrufa' u li għaliha mhux magħruf numru tar-reġistru tas-Servizz ta' l-Astratt Kimiku (SAK), il-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni għandha tuża l-formula Ċ (li *facsimile* tagħha tinsab preżentata hawn taħt) u tibgħatha lill-indirizz(i) nazzjonali debitament kompletata u iffirmata. Meta tkun qed timla l-Formula Ċ, il-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni għandha tiddeskrivi s-sustanza kimika f'kemm jista' jkun dettall, waqt li tħares l-istruzzjonijiet misjuba fid-dokument 'Rappurtaġġ għall-inventarju Einecs'.

Gwida oħra biex isiru d-dikjarazzjonijiet tingħata fid-dokument 'Rappurtaġġ għall-inventarju Einecs'.

IMPORTANTI: Qabel timla din il-formula, aqra sew il-pubblikazzjoni 'Rappurtaġġ għall-inventarju Einecs'. Numru tar-reġistru SAK u kodiċijiet Einecs jistgħu jinstabu fil-pubblikazzjoni 'Kompendju ta' sustanzi magħrufa'

INVENTARJU EWROPEW TA' SUSTANZI KIMIĊI KUMMERĊJALI EŻISTENTI (EINECS) Rappurtaġġ supplimentari ta' sustanzi mhux inklużi fl-inventarju bażiku ECOIN	**Formula ta' rappurtaġġ** **A** (għal sustanzi inklużi fil-kompendju)	**Numru tal-formula** ..... (Tneħħix it-tikketta)

1. **STQARRIJA TA' ĊERTIFIKAZZJONI:** - Skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Mejju 1981 (ĠU L 167, ta' l-24.6.1981, p. 31), jiena hawnhekk niċċertifika illi safejn naf u nemmen l-aħjar: 1. is-sustanzi kimiċi identifikati hawn taħt tpoġġew fis-suq minni/mill-kumpannija tiegħi għal skopijiet kummerċjali ġenwini bejn l-1 ta' Jannar 1971 u t-18 ta' Settembru 1981 inklużivi; 2. kull informazzjoni mdaħħla f'din l-formula hija sħiħa u preċiża.

Data	Firma	Isem	Titolu

2 INDIRIZZ TAL-KUMPANNIJA

Korporazzjoni.....

.....

Triq.....

Kodiċi postali..... Belt .....

.....

Tel. ..... Telex:.....

3. PERSUNA LI ĠĦANDHA TKUN IKKUNTATTJATA FIL-KAŻ TA' MISTOQSIJA

Isem.....

.....

Triq.....

Kodiċi postali..... Belt .....

.....

Tel. ..... Telex.....

4. SUSTANZI RAPPORTATI:

5. Formula ta' sostituzzjoni (timlix)
Nru .....

Numru tal-Formula.....

I Nru	II Numru tar-reġistru SAK	III Kodiċi EINECS	IV Nru	I Nru	II Numru tar-reġistru SAK	III Kodiċi EINECS	IV Nru
1	- -	-	1	16	- -	-	16
2	- -	-	2	17	- -	-	17
3	- -	-	3	18	- -	-	18
4	- -	-	4	19	- -	-	19
5	- -	-	5	20	- -	-	20
6	- -	-	6	21	-	-	21
7	- -	-	7	22	- -	-	22
8	- -	-	8	23	-	-	23
9	- -	-	9	24	- -	-	24
10	- -	-	10	25	- -	-	25
11	- -	-	11	26	- -	-	26
12	- -	-	12	27	- -	-	27
13	- -	-	13	28	- -	-	28
14	- -	-	14	29	- -	-	29
15	- -	-	15	30	- -	-	30

(RISERVAT GĦAL STAT MEMBRU)		(RISERVAT GĦAL PUNT TA' KUNTATT TAL-KUMMISSJONI)	
Riċevut:	Firma:	Riċevut:	Firma:
Trasmess:	Isem:	Trasmess:	Isem:

IMPORTANTI: Qabel timla din il-formula, aqra sew il-pubblikazzjoni 'Rappurtaġġ għall-inventarju Einecs'.

INVENTARJU EWROPEW TA' SUSTANZI KIMIĊI KUMMERĊJALI EŻISTENTI (EINECS) Rappurtaġġ supplimentari ta' sustanzi mhux inklużi fl-inventarju bażiku ECOIN	**Formula ta' rappurtaġġ** **B** (għal sustanzi li n-numri ta' reġistrazzjoni tagħhom SAK mhumiex inklużi fil-kompendju)	**Numru tal-formula** ..... (Tneħħix it-tikketta)

1. **STQARRIJA TA' ĊERTIFIKAZZJONI:** - Skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Mejju 1981 (ĠU L 167, ta' l-24.6.1981, p. 31), jiena hawnhekk niċċertifika illi safejn naf u nemmen l-aħjar: 1. is-sustanzi kimiċi identifikati hawn taħt tpoġġew fis-suq minni/mill-kumpannija tiegħi għal skopijiet kummerċjali ġenwini bejn l-1 ta' Jannar 1971 u t-18 ta' Settembru 1981 inklużivi; 2. kull informazzjoni mdaħħla f'din l-formula hija sħiħa u preċiża.

Data	Firma	Isem	Titolu

2 INDIRIZZ TAL-KUMPANNIJA

Korporazzjoni.....

.....

Triq .....

Kodiċi postali..... Belt.....

.....

Tel. ..... Telex .....

3. PERSUNA LI ĠĦANDHA TKUN IKKUNTATTJATA FIL-KAŻ TA' MISTOQSIJA

Isem .....

.....

Triq.....

Kodiċi postali..... Belt .....

.....

Tel. . ..... Telex .....

4. SUSTANZI RAPPORTATI

5. Formula ta' sostituzzjoni (timlix) Nru .....

Numru tal-Formula.....

I Nru	II Numru tar-reġistru SAK	Ill Isem(ismijiet) speċifiku(ċi) kimiku(ċi)	IV Nru
1	- -		1
2	- -		2
3	- -		3
4	- -		4
5	- -		5
6	- -		6
7	- -		7
8	- -		8
9	- -		9
10	- -		10
11	- -		11
12	- -		12
13	- -		13
14	- -		14
15	- -		15

(RISERVAT GĦAL STAT MEMBRU)		(RISERVAT GĦAL PUNT TA' KUNTATT TAL-KUMMISSJONI)	
Riċevut:	Firma:	Riċevut:	Firma:
Trasmess:	Isem:	Trasmess:	Isem:

IMPORTANTI: Qabel timla din il-formula, aqra sew il-pubblikazzjoni 'Rappurtaġġ għall-inventarju EINECS'.

INVENTARJU EWROPEW TA' SUSTANZI KIMIĊI KUMMERĊJALI EŻISTENTI (EINECS) 1. Rappurtaġġ supplimentari ta' sustanzi mhux inklużi fl-inventarju bażiku ECOIN	**Formula ta' rappurtaġġ** **Ċ** (għal sustanzi li n-numri ta' reġistrazzjoni SAK mhumiex inklużi fil-kompendju)	**Numru tal-formula** ..... (Tneħħix it-tikketta)

1. STQARRIJA TA' ĊERTIFIKAZZJONI: - Skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Mejju 1981 (ĠU L 167, ta' l-24.6.1981, p. 31), jiena hawnhekk niċċertifika illi safejn naf u nemmen l-aħjar: 1. is-sustanzi kimiċi identifikati hawn taħt tpoġġew fis-suq minni/mill-kumpannija tiegħi għal skopijiet kummerċjali ġenwini bejn l-1 ta' Jannar 1971 u t-18 ta' Settembru 1981 inklużivi; 2. kull informazzjoni mdaħħla f'din l-formula hija sħiħa u preċiża.

Data	Firma	Isem	Titolu

2. INDIRIZZ TAL-KUMPANNIJA

Korporazzjoni _____

_____

Triq _____

Kodiċi postali _____ Belt _____

_____

Tel. ( ) _____ Telex _____

3. PERSUNA LI GĦANDHA TKUN IKKUNTATTJATA FIL-KAŻ TA' MISTOQSIJ

Isem _____

_____

Triq _____

Kodiċi postali _____ Belt _____

_____

Tel. ( ) _____ Telex _____

4. SUSTANZI RAPPORTATI:

5. Formula ta' sostituzzjoni (timlix)
Nru .....

Numru tal-Formula .....

I

Isem(ismijiet) speċifiku(ċi) kimiku(ċi): _____

_____

_____

_____

II
Formula molekulari:

IV
Nru ta' karti mehmuża ☐

III

Diagramma ta' l-istruttura kimika (jekk magħrufa) jew deskrizzjoni ta' l-iskema ta' reazzjoni jew informazzjoni oħra supplimentari biex tgħin fl-identifikazzjoni tas-sustanza:

(RISERVAT GĦAL STAT MEMBRU)		(RISERVAT GĦAL PUNT TA' KUNTATT TAL-KUMMISSJONI)	
Riċevut:	Firma:	Riċevut:	Firma:
Trasmess:	Isem:	Trasmess:	Isem: